FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

9 t'Awwissu 2013

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Wiehed u Ghoxrin (21) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Wiehed u Ghoxrin (21) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 1 t'Awwissu 2013 fit-3.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Pjan Lokali tal-Floriana
10. Attivitajiet tal-massa gewwa l-Floriana
11. Genna ta'Gonna
12. Tindif Pubbliku gewwa l-Floriana
13. Latrina Hdejn il-Kabb Bocci Floriana
14. Itenerarji Organizzati mill Ministeru ghat-Turizmu.
15. Website tal-Kunsill
16. Evalwazzjoni tal-Offerti - BookBox
17. Bye Law dwar l-uzu ta` art pubblika
18. Progett ta` Taht il-Forka
19. Gnien il-Mall
20. Asfaltar u Bankini f'Balzunetta
21. Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena
22. Arblu f'nofs Pjazza Sant` Anna
23. Wifi fil-Gonna Pubblici
24. Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju
25. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Wiehed u Ghoxrin (21) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.
Is-Sindku Nigel Holland xtaq jawgura lill-Vici Sindku Matthew Paris ghar-rizultati li wassal ghal dottorat fil-ligi.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-ghoxrin (20) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet korrezzjoni fejn ghandu jitnizzel prezenti il-Kunsillier Edward Torpiano.

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.2 (20) u saqsa jekk kienx gie ffirmat il-kuntratt. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li s-Sur Justin Attard ma kienx gie jiffirma l-kuntratt minkejja li kien moghti bizzejjed cans u ghalhekk il-Kunsill kien informa lill-Avukat sabiex jipprocedi b'mod legali.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.3 (20) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar it-testing area.

2.2.1 Il-Vici Sindu Matthew Paris wiegeb li kienet saret sample minn Halmann u gab kwotazzjoni li tammonta ghal €1940 u ghalhekk din teccedi il-massimu tas-somma li l-Kunsill jista' jhallas ghal ordni diretta.

2.2.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li hu xtaq jaghti cans sal-ahhar tas-Sajf halli wiehed jara kemm ser tithammeg.

2.2.3 Il-Vici Sindku qal li t-tindif jista' jsir ukoll bl-actu liema xoghol ikun jiswa inqas minn dak ikkwotat.

2.2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien hemm il-bzonn li ssir Triq San Frangisk ukoll ladarba kienet ser tinqala' din il-bankina.

2.2.5 Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab stima ghal tindif bl-actu halli l-Kunsill ikun jista' jevalwa l-alternattivi kollha.

2.2.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li t-tindif jibda' wara l-ewwel xahar tax-Xitwa u dan sabiex tilhaq taghmel l-ewwel xita. Il-Kunsill qabel.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.6 (20) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku wiegeb li kien ghadu ma segwix din il-materja u li kellu jaghmel dan f'qasir zmien.

2.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.8 (20) u saqsiet jekk kienx sar ix-xoghol. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dan ix-xoghol kien sar.

2.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kinietx intbaghtet l-ittra lill-Awtorita' tat-Turizmu. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din l-ittra kienet intbaghtet izda kien ghad m'hemm l-ebda risposta.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien gie avvicinat minn pigeon controller fejn offra lill-Kunsill is-servizz biex jigi kkontrollat il-hamiem fil-lokalita'. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li l-hamiem jinqabdu u jittiehdu go post fejn jigu ttestjati ghall-mard. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccekkja mal-Segretarjat Parlamentari ghall-Agrikoltura, Sajd u Drijttijiet ta` Annimali qabel ma jiehu decizjoni dwar din il-materja.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand sid ta' banka tal-lottu fi Triq il-Konservatorju sabiex jinbidlu l-hinijiet tal-ftuh fuq it-tabella tal-parkegg riservat. Il-Kunsill qabel li ghandu jitolbu jispecifika l-hinijiet ezatt qabel jipprocedi.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni San Publju ta' Malta fejn talbu permess sabiex tinghalaq Triq l-Isqof Mauro Caruana ghall-attivita' Lejla Sajfija nhar l-10 t'Awwissu 2013. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji mill-entitajiet ikkoncernati.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment rigward is-servizz tal-bulky refuse fejn xi oggetti ma kienux gew migbura. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jaghti default notice lill-kumpanija KDF Ltd. minhabba d-diversi ilmenti li saru mir-residenti f'dan l-ahhar xahar.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Malta Historical Fencing Association fejn talbu lill-Kunsill jikkunsidra li joffrilhom il-picc sintetiku b'rata mnaqqsa. Il-Kunsill laqa' t-talba taghhom fejn qabel li r-rata ghandha tkun ta' €15 is-siegha.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn offrew lill-Kunsill japplika ghal skema ta' ghanjnuna finanzjarja ghall-online streaming tal-laqghat. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din l-iskema.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill bl-attivita' annwali tal-Car Free Day. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq l-applikazzjoni tieghu. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li ssir quddiesa fi Triq Sant'Anna bhalma sar is-sena ta' qabel kif ukoll li jsir breakfast fit-triq. Il-Kunsill qabel fil-principju.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland informa li ser issir Girja tal-Indipendenza nhar it-18 ta' Settembru 2013 li ser tispicca fuq il-Fosos. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Dr Chris Said rigward l-attivitajiet tal-Indipendenza. Is-Sindku xtaq jirrimarka ghalfejn fil-kundizzjonijiet, gie approvat li l-attivitajiet idumu san-12.30pm meta dan mhux soltu jkun permess mil-ligi.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Ajax fejn offrew it-tizjin tal-Milied lill-Kunsill bla hlas bil-kundizzjoni li dawn jibqghu jitwahhlu fl-istess toroq li kienu jitwahhlu fihom qabel minhabba li kienu r-residenti tal-istess toroq li hallsu ghal dan it-tizjin. Il-Kunsill accetta l-offerta'.

**Nota: 15:45 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba sabiex tinhareg default notice lill-kumpanija KDF Ltd. ghan-nuqqas tal-gheluq tas-subways kif stipulat fil-kuntratt dakinhar tal-Isle of MTV. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**<u>Nota: 15:47 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.</u>**

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li tinhareg default notice lill-kuntrattur Wilson Mifsud ghan-nuqqasijiet ta' indafa b'mod partikolari fi Triq l-Isqof Mauro Caruana. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien innota li l-iskips li hemm fi Triq il-Vittmi Furjanizi tal-Gwerra jinsabu mfawwrin b'mod regolari u dan qed johloq eye sore kbira lil min ikun ghaddej minn hemm. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lis-Sur John Portelli, is-CEO tal-Valletta Waterfront sabiex jiehu l-passi necessarji.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien innota li t-tabelli tal-istages tal-Arriva fi Triq il-Vittmi Furjanizi tal-Gwerra kienu jindikaw il-Marsa. Il-Kunsill qabel li l-kunsillier responsabbli mit-trasport ghandu jikkuntattja lill-Arriva u jigbdilom l-attenzjoni ghal din l-inkorrettezza.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment rigward is-sigra li hemm quddiem in-nicca tat-Telgha tal-Kurcifiss. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien ikkuntattja lis-Sur Caruana izda kien ghadu ma giex moghti appuntament ghal laqgha.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Kura primarja fejn talbu permess ghall-parkegg riservat quddiemhom. Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Vincen Borg jekk din it-talba kinietx accettabli taht il-linji gwida ta' Transport Malta fejn il-Kunsillier Borg wiegeb fin-negattiv. Il-Kunsill ghalhekk ma qabilx li ghandu jilqa' t-talba ladarba ma kienux intitolati.

3.17 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-Kunsill kienx biddel it-tabelli tal-indafa li hemm hdejn il-Valletta Waterfront. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn kienu gew mibdula.

3.18 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-hlas tal-optional service ghat-tindif tat-Telgha tal-Kurcifiss. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li dan is-servizz kien twaqqaf, kif maqbul, ladarba x-xoghol ma kienx qed isir.

3.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq proposta ta' resident biex jigu onorati l-istudenti Furjanizi li jkunu ggradwaw. Is-Sindku ppropona li din issir fil-Florianafest. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.20 Is-Sindku Nigel Holland ressaq proposta ta' resident biex certu bankijiet fi Gnien Sir Luigi Preziosi jigu elevati sabiex wiehed ikun jista' jara l-veduta tal-port. Il-Kunsill qal li din kienet idea tajba u ghalhekk qabel fil principju. Il-Kunsillier Vince Borg ghandu jivverifika jekk jistax isir.

3.21 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li kellha talba minghand il-Floriana FC sabiex jaghmlu uzu mic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V jew Gnien Sir Luigi Preziosi ghall-attivita' tal-Green's Night. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni bil-kundizzjoni li ma jinghalaq l-ebda gnien minnhom kompletament.

3.22 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni ghall-fatt li l-poster mahrug mill-Floriana FC kien jghid li l-attivita' ser tittella' b'mod kongunt mal-Kunsill Lokali Floriana u dan kien holoq konfuzjoni fost l-ghaqdiet lokali l-ohra. Is-Sindku wiegeb li probabilment kien inzamm l-istess format ta' poster tas-sena l-ohra jew il-Kunsill kien gie kkreditat minhabba li kien ser joffrilhom wiehed mill-gonna.

## <u>4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghal-laqgha straordina li kellha tinzamm nhar is-17 ta' Lulju 2013 u qal li hu kien informa lis-Segretarju Ezekuttiv li ma kienx jista' jattendi mill-bidu

tal-laqgha minhabba li kien inqabad fuq bicca tax-xoghol.

4.1.1 Il-Vici Sindku kompla billi qal li kien hemm allegazzjonijiet li hu ma kienx attenda ghal-laqgha minhabba ragunijiet ohra u qal ukoll li l-mod kif tnizzlet fuq is-sit socjali mis-Sindku, ta x'jifhem li hu ma kienx attenda ghal-laqgha ghall-ebda raguni accettabli.

4.1.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi wkoll kienet informat lis-Segretarju Ezeuttiv li ma kinietx ser tkun tista' tattendi minhabba li hi wkoll kienet inqabdet fuq ix-xoghol.

4.1.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien gie nformat li l-Vici Sindku ma kienx attenda minhabba li kien qed jahdem fuq il-bye law tal-Kunsill.

4.1.4 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghall-materja nru 4.1.3 fejn qal li l-email tal-Vici Sindku Matthew Paris setghet inftehmet hazin u ghalhekk skuza ruhu ghal kwalunkew nuqqas ta' ftehim.

4.1.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dakinhar li nzammet il-laqgha kien gheluq zmienu u ghalhekk kellu impenji ohra.

4.1.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ma jridx jigi f'sitwazzjoni fejn ikollu jghid li l-laqghat ghandhom isiru kollha wara s-6pm halli jkun jista' jattendi zgur.

4.1.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li d-data u l-hin tal-laqghat statutorji jigu decizi meta l-kunsillieri kollha jkunu prezenti u ghalhekk kulhadd ikun ikkonsultat.

4.1.8 Is-Sindku qal li wiehed mill-kummenti li saru rigward l-istatus tieghu kien iktar serju minn din il-materja u kien jixraqlu spjegazzjoni.

4.1.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.1.6 fejn qalet li s-Sur Karl De Flavia kien ghamel allegazzjonijiet serji u thoss li l-Kunsill ghandu jikkundanna u jirrispondi dan il-kumment arroganti ladarba dan kien wiwhed mil-kuntratturi tal-Kunsill u ghalhekk ma thossx li tali kummenti ghandhom jibqghu ghaddejjin.

4.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano saqsa jekk kinietx ser tigi diskussa it-talba ta' Tug Malta ghal permess taht l-iskema ta' parkegg residenzjali. Is-Segretarju irrimarka li talbiet bhal dawn normalment jigu trattati amministrattivament. Wara li giet diskussa t-talba, il-Kunsill qabel li ghandu jinforza d-decizjoni tieghu u jzomm mal-istess procedura fejn ma johrogx iktar minn permess wiehed ghal kull kumpanija registrata f'indirizz fil-lokalita'.

4.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward il-hasil tat-toroq li kien sar ricentement u saqsa kif tali xoghol u pagament ma kienx gie approvat mill-Kunsill.

4.3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv fejn sostna li kien hu responsabbli mill-hlasijiet tal-Kunsill u li kellu jara li kull hlas ikun approvat mill-maggoranza tal-kunsillieri qabel ma jsir.

4.3.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ssoltu tinkiseb kwotazzjoni li titressaq quddiem il-Kunsill ghall-approvazzjoni u ghalhekk ma setghetx tifhem kif kienet saret din l-eccezzjoni.

4.3.3 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb il-kumment tal-Kunsillier Borg fejn informa li meta kien gie ordnat dan ix-xoghol, hu kien imsiefer u kien sar jaf li sar dan ix-xoghol ladarba

kien irritorna lura mis-safar.

4.3.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma setax jifhem ir-raguni ghal din il-kwistjoni ladarba kulhadd kien jaqbel li jsir il-hasil tat-toroq meta jkun hemm bzonn.

4.3.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li xorta wahda l-pagament ghandu jigi approvat ghax il-kunsillieri huma kollha responsabbli mill-hlasijiet tal-Kunsill.

4.3.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-mod kif sar ix-xoghol ma kienx gust minhabba li l-kunsillieri lanqas biss kienu gew informati.

4.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal-laqgha li saret ma' Owen Spiteri tal-G7 fejn saqsa ghalfejn il-kunsillieri l-ohra ma kienux gew informati.

4.4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li meta ma jkunx hemm bizzejjed zmien hemm bzonn li jigu nformati l-kunsillieri kollha b'email jew telefonata.

4.4.2 Is-Sindku wiegeb li kien il-Kunsillier Borg stess li kien qal li meta jkun hemm iktar minn tliet ijiem ghal-laqgha ghandha titnizzel biss fuq in-noticeboard u ma kienx hemm bzonn li tintbaghat email jew issir telefonata, ghalhekk inkitbet fuq il-whiteboard.

4.4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi thoss li ghandha tintbaghat email dejjem minhabba li din ma tiehux hin u hija konvenjenti ghall-kunsillieri kollha. Il-Kunsill qabel.

4.4.4 Is-Sindku ppropona wkoll li l-whiteboard titnehha ladarba xorta wahda ma kinietx qed tintuza. Il-Kunsill qabel.

4.4.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma thossx li ghandu jkun l-istaff amministrattiv li jinforma bil-laqghat izda ghandu jkun il-kunsillier li qed jorganizza l-laqgha li jinforma l-kumplament tal-kunsillieri. Il-Kunsill qabel.

4.5 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-ittra mibghuta mis-Supretendent Kulturali rigward il-bollards li twahhlu fi Triq il-Miratur fejn qal li kien irrispondih hu stess u rrimarka li l-bollards kienu twahhlu gol-fili minghajr ma saret hsara lill-bankina. Is-Sindku qal ukoll li kellu jiltaqa' mieghu sabiex tigi diskussa din il-materja.

4.6 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward il-bankijiet li kienu nqalghu minn fuq il-Fosos fl-attivitajiet tal-Indipendenza fit-2008. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika jekk kinietx intbaghtet ittra ufficjali mill-Avukat tal-Kunsill minhabba li kien ghaddew snin minn fuq il-kaz.

4.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-prezenza tal-gwardjani lokali filghodu fil-kmieni fil-gonna u fit-toroq kienet qed taghti l-frott taghha u l-abbuz kien naqas b'hafna. Il-Kunsillier Borg kompla billi ppropona li l-Kunsill jitlob lir-Regjun Xlokk sabiex jipprovdi zewg green wardens wara l-5pm. Is-Sindku Nigel Holland qal li talba simili kienet diga saret diversi drabi izda mid-dehra kien hemm xi diffikulta' minhabba li dawn qatt ma jintbaghtu. Il-Kunsill qabel li minkejja dan ghandu jressaq it-talba tieghu xorta wahda.

4.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa rigward il-bye law li ghandha titressaq konguntament mal-Kunsill Lokali Belt Valletta. Is-Sindku wiegeb li din kienet ghadha ma tressqitx ufficjalment.

4.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet rigward is-sigar li kellhom jitnehhew minn Pjazza Sir Luigi Preziosi. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Perit kien qed jiehu ammont twil ta' zmien fl-operat

tieghu u kien qed jonqos milli jaqdi l-Kunsill f'dak li kellu bzonn. Ghalhekk is-Sindku ppropona li ghandu jinformat lill-Perit bid-dizappunt tal-Kunsill, u fin-nuqqas ta rimedju, jigi itterminat il-kuntratt. Il-Kunsill qabel.

4.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-proposta li kienet ghamlet biex jinbidlu t-tabelli fil-gonna tal-Floriana u saqsiet ghalfejn dawn kienu ghadhom ma sarux. Is-Sindku wiegeb li kien tkellem mas-Segretarju Ezekuttiv sabiex jinbidlu t-tabelli kollha minhabba li t-tabelli kollha kienu qed jaghtu informazzjoni differenti u ghalhekk kellhom isiru kollha l-istess.

4.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet ilmenti minghand residenti rigward il-karozzini taz-zwiemel li jghaddi minn Triq Pietro Floriani u jhallu l-hmieg warajhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-awtoritajiet ikkoncernati u jitlobhom jiehu azzjoni dwar dan. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob lill-gwardjani lokali sabiex jghassu din iz-zona biex jinqata' dan l-abbuz.

**Nota: 16:40 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Vici Sindku ghamel riferenza ghal xi korrispondenza li kienet ghaddiet bejnu u bejn il-membru tas-sottokumitat Julian Holland, fejn ikkundanna t-ton li bih inkitbet il-korrispondenza.

5.2 Il-Vici Sindku qal ukoll li jhoss li l-Kunsill ghandu jkun jaf dak li jkun qed jaghmel is-sottokumitat u mhux isir jaf wara li jkunu ntbaghtu l-ittri jew saru l-laqghat. Il-Vici Sindku fakkar li l-Kunsill jibqa' responsabbli minn dak kollu li jaghmel is-sottokumitat u ghalhekk huwa fl-interess tal-istess Kunsill li jkun jaf x'inhu ghaddej.

5.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma thossx li l-membri tas-sottokumitat ghandhom jimponu fuq il-Kunsill u thoss li materji mqajjmin fis-sottokumitat ghandhom jghaddu ghand il-kunsillier responsabbli sabiex jitressqu minnu waqt il-laqghat tal-Kunsill.

**Nota: 16:45 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**

5.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jesiegi li jkun jaf x'inhu jigri fis-sottokumitat minhabba li finalment huwa hu bhala kunsillier li huwa responsabbli minn dak li jsir fis-sottokumitati.

5.5 Il-Vici Sindku qal ukoll li l-ittri m'ghandhomx jintbaghtu f'isem u bil-firma tal-ebda membru tas-sottokumitat izda jigu ffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv, kif mitlub bil-ligi.

5.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li meta materja tkun taqa' taht id-dekasteru ta' kunsillier, is-sottokumitat ghandu jiddiskuti mal-kunsillier responsabbli qabel jipprocedi.

5.7 Il-Vici Sindku qal ukoll li hu japprezza hafna x-xoghol li qed isir mis-sottokumitat izda jibqa' l-fatt li hemm bzonn tinbidel il-procedura.

5.8 Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li kien hemm decizjoni f'Kunsill precedenti fejn is-Segretarju ta' sottokumitat ghandu d-dritt jikteb ittri f'ismu.

5.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ma jaqbilx ma' din id-decizjoni u li ser iressaq proposta biex din tinbidel.

5.10 Il-Vici Sindku qal ukoll li s-sottokumitat tal-indafa mhux qed jibqa' biss fid-dekasteru tighu izda qed jidhol fid-dekasteri ta' kunsillieri ohrajn.

5.11 Is-Sindku Nigel Holland qal li ta' sikwit materja ma tkunx taqa' taht dekasteru wiehed biss u gieli tidhol taht diversi oqsma.

5.12 Il-Vici Sindku qal li hu jhoss li meta dan ikun il-kaz, ghandhom jigu nformati l-kunsillieri kkoncernati u l-materja tigi diskussa maghhom.

5.13 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx mal-proposta li li ma jigux iffirmati ittri mill-membri tas-sottokumitati u dan minhabba li ma jhossx li hu gust li l-membri tas-sottokumitati jahdmu fuq bazi volontarja biex imbaghad ix-xoghol taghhom ma jigix apprezzat.

5.14 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-membri tas-sottokumitati jigu apprezzati mod iehor ghax anke meta kien hemm safar, kien membru tas-sottokumitat tar-relazzjonijiet internazzjonali li akkompanja s-Sindku fuq zjara f'Macerata.

5.15 Il-Vici Sindku qal li hu jkompli jsostni li ladarba kull ma jsir ser isir f'isem il-Kunsill, ihoss li ghandu jkun informat b'kull ma jkun qed jaghmel is-sottokumitat u dan anke biex ma jkunx hemm xoghol doppju u inkosistenza bejn is-sottokumitat u l-Kunsill Lokali.

5.16 Il-Vici Sindku qal li meta xtaq johrog cirkolari hu, kellu jghaddiha lis-Sindku biex jaraha u japprovaha u ghalhekk qal li anke hu kellu bzonn tal-approvazzjoni minkejja li kien Vici Sindku u kien gie elett min-nies.

5.17 Il-Vici Sindku ghalhekk ressaq mozzjoni sabiex kull ittra jew korrispondenza formali li tohrog mis-sottokumitat ghandha tigi approvata mill-Kunsill u tigi ffirmata jew mis-Sindku jew mis-Segretarju Ezekuttiv, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (MP, VB, DSH)
Kontra: 2 (NH, ET)
Astensjonijiet: 0

5.18 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kontra din il-mozzjoni totalment u dan minhabba li s-sistema li kienet giet adottata f'dawn l-ahhar snin kienet qed tahdem bizzejjed u tati rizultati tajbin u ghalhekk ma jhossx li hemm bzonn ta' tibdil.

5.19 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq quddiem il-Kunsill il-minuti tas-sotto Kumitat tar-Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 82-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien ser jastjeni mill-pagamenti li gejjin: 57, 58, 75, 82 u 89.

7.3 Il-Vici Sindku nforma li hu kien irrifonda xi flus lura li kienu ntitolati lilu ghal-laqgha li nzammet f'Ghawdex.

7.4 Is-Sindku Nigel Holland informa li hu kien irrifonda l-flus li ma kienx nefaq mill-flus allokati lilu ghaz-zjara f'Weiden.

7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm talba minghand is-Sur Karl De Flavia sabiex jinhareg il-pagament dovut relatat mal-latrini tal-Centru Rikreattiv Re Gorg V lilu minhabba li x-xoghol kien ilu li sar.

7.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi qal li din l-iskeda ta' pagamenti kienet tinkludi l-invoices li waslu sal-ahhar ta' Mejju u li l-invoice ta' dan ix-xoghol kienet waslet wara.

7.5.2 Ghalhekk il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa' din it-talba ladarba l-invoice kienet waslet tard u ghalhekk il-Kunsill ihoss li dan il-kont ghandu jithallas mal-invoices l-ohrajn ta' Gunju.

7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li kienu ntilfu xi fondi mill-progett ta' GARDMED minhabba li xi kontijiet kienu gew ipprezentati wara d-data tal-gheluq tal-progett.

7.7 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11441 sa 11540, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, ET, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.8 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.9 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hemm xi kunsilli li kellhom xi pagamenti ta' tipping fees b'lura dovuti lill-Wasteserv (Differenza bejn dak mitlub mill-Wasteserv u dak mghoddi mid-Dipartiment lill Kunsill) u jidher li dawn il-pagamenti gew imhallsin mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

## <u>8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet</u>

**21/1 –** *sabiex isir proposta lill-gvern centrali sabiex tinbidel is-sistema legali Maghrufa bhala duty on documents, fejn kull lokalita hija meqjusa l-istess, u tigi introdotta sistema fejn lokalitajiet bhal taghna fejn Id-domanda hija wahda inferjuri, u fejn l-ammont ta residenti qed jonqsu, jkollhom rata aktar vantagjuza.*

Proponent – Matthew Paris
Datata – 20 ta Lulju 2013

Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li tintbaghat proposta lill-Ministeru tal-Finanzi fejn jissuggerixxi li r-rata ta' self ghal dawk li jigu biex jakkwistaw l-ewwel proprjeta' taghhom li tkun fil-Floriana, tkun wahda sussidjata u mnaqqsa.

Il-Vici Sindku qal li tali proposta tghin lokalitajiet bhalma huma l-Floriana jattiraw iktar nies biex jigu jghixu fil-lokalita'.

**<u>Nota: 17:25 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.</u>**

Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur din il-proposta, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, NH, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Il-Vici Sindku qal li kellu jlesti d-dokumentazzjoni kollha li mbaghad titressaq quddiem il-Kunsill ghall-approvazzjoni.

---

**21/2** –*Sabiex issir tabellla ta "dead end" fit-triq tal-garaxxijiet tal-Gvern*

Proponent – Davina Sammut Hili ______________________
Datata – 24 ta' Lulju 2013

**Nota: 17:29 Il-Kunsillier Edward Torpiano rritorna ghal-laqgha.**

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kienet qed tirreferi ghall-parti ta' hdejn l-AGFA fejn hemm il-garaxxijiet tal-Gvern.

Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili favur din il-proposta, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (DSH, VB, NH, ET, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

**21/3** –*Waqt laqgha li kelli mas-sur Joseph Schiavone li huwa persuna b'dissabilta, huwa fehmni id-diffikulta li ghandu meta huwa johrog mill-bieb ta' barra tal- Binja " B " fit-Triq l-Argotti. Billi ikun hemm il-boroz ta' l-iskart hdejn il-bieb huwa ma jkunx jista jaghddi min fuq il-bankina. Ghaldaqstant jien qed inressaq zewgt alternattivi sabiex titnehha din il-problema tas-sur Schiavone :*

*1. Li ir-residenti Ta' Binja " B " u il- quddiem ir-residenti ta' Binja : A : jigu mitluba permess ta' ittra sabiex il-boroz johorguhom fil-kantuniera ta' Triq l-Argotti/Triq il-Mall. jew*

*2. Issir rampa quddiem il-bieb tal-binja sabiex jkun jista jinzel min fuq il-bankina*.

Proponent – Vince Borg
Datata – 25 ta' Lulju 2013

Wara li l-Kunsill iddiskuta diversi alternattivi, tressqet proposta mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex issir rampa quddiem il-bieb tal-Binja sabiex ir-resident ikun jista' jinzel minn fuq il-bankina, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: (VB, DSH, ET)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 1 (MP)

Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien ser jivvota kontra minhabba li jhoss li ghandha tipprova tinstab soluzzjoni alternattiva u iktar vijabbli.

**Nota: 17:40 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

## 9.0 Pjan Lokali tal-Floriana

9.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li l-pjanijiet lokali kienu ser jinbidlu b'mod drastiku u ghalhekk il-Kunsill kien mistenni li jaghti l-opinjoni tieghu dwar dan.

**Nota: 17:44 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili irritornat ghal-laqgha.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

9.2 Is-Sindku qal li matul il-laqgha li kienet inzammet, kien ghamel diversi suggerimenti.

9.3 Is-Sindku qal ukoll li kienet inzammet laqgha ohra li ghaliha ma setax ikun prezenti u ghalhekk saqsa lill-Kunsillier Edward Torpiano li rrakonta dak li kien intqal.

9.4 Is-Sindku ssuggerixxa li ssir laqgha mal-konsulenti tal-Kunsill fejn jigi kkunsidrat il-pjan lokali li l-Kunsill kellu precedentement.

**Nota: 17:48 Il-Vici Sindku Matthew Paris irritorna ghal-laqgha.**

## 10.0 Attivitajiet tal-massa gewwa l-Floriana

10.1 Is-Sindku Nigel Holland qal kien tkellem ma' rapprezentant tal-NNG Promotions u wara d-diskussjoni kien ser jipproponi li fil-kundizzjonijiet futuri li jinghataw mill-Kunsill lil kull min jorganizza attivita', tizdied kundizzjoni fejn l-organizzatur ikun mitlub jakkredita lil xi membru tal-Kunsill) sabiex ikun jista' jidhol fiz-zoni kollha u jithalla jikkomunika mal-organizzaturi.

10.2 Is-Sindku qal ukoll li matul il-kuncert ta' Mark Knopfler, kienu gew miksura diversi kundizzjonijiet fosthom l-gheluq kollu tal-Fosos, in-nuqqas ta' koordinazzjoni mal-Kunsill fir-rigward tal-gheluq tat-toroq, id-dewmien fiz-zarmar tal-istruttura minn fuq il-Fosos u nuqqas ta' tindif soddisfacenti.

10.3 Ghalhekk huwa ppropona li l-organizzatur jigi mmultat ghal dawn in-nuqqasijiet.

10.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jimmulta lill-NNG Promotions €200 tan-nuqqa ta' tindif, u €150 tal-ksur ta' kundizzjoni nru 3 u 15, total ta' €500.

10.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona wkoll li kull organizzatur ikun obbligat jirtira l-permess tal-attivita' sa mhux aktar tard minn ghaxart ijiem qabel l-attivita' u dan anke biex wiehed ikollu cans jikkontesta xi kundizzjonijiet jekk ihoss il-bzonn.

10.6 Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ghandu jinsisti li jkun jaf min hu l-kuntrattur imqabbad mill-organizzatur sabiex jaghmel ix-xoghol ta' tindif.

10.7 Is-Sindku ppropona wkoll li l-Kunsill ikun ipprezentat b'kopja fotostatika tal-polza tal-assigurazzjoni li ssir mill-organizzatur.

## 11.0 Genna ta' Gonna

11.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 12.0 Tindif Pubbliku gewwa l-Floriana

12.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 13.0 Latrina Hdejn il-Kabb Bocci Floriana

13.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 14.0 Itenerarji Organizzati mill Ministeru ghat-Turizmu.

14.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 15.0 Website tal-Kunsill

15.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 16.0 Evalwazzjoni tal-Offerti – BookBox

16.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 17.0 Bye Law dwar l-uzu ta` art pubblika

17.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 18.0 Progett ta` Taht il-Forka

18.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 19.0 Gnien il-Mall

19.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 20.0 Asfaltar u Bankini f'Balzunetta

20.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 21.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena

21.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 22.0 Arblu f'nofs Pjazza Sant` Anna

22.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 23.0 Wifi fil-Gonna Pubblici

23.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 24.0 Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju

24.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 25.0 Aġġornament tal-laqgħa

25.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 12 t'Awwissu 2013 fit-3.00pm.

Il-laqgha ntemmet fit-18.15.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv